

## II

(Attī mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1200

tat-22 ta' Lulju 2015

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-amidosulfuron, il-feneżammid, il-kresoksim-metil, it-tjakloprid u t-trifloksistrobina f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li jorigha minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (¹), u partikolarmen l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħi,

Billi:

- (1) Għas-sustanza amidosulfuron, il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għall-feneżammid, il-kresoksim-metil, it-tjakloprid u t-trifloksistrobina, il-limiti massimi ta' residwu (MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għall-amidosulfuron, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn il-quddiem "l-Awtorità", issotto-mettiet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 (²). Hija rrakkomandat li jitnaqqsu l-MRLs għaż-żerrieġha tal-kittien. Għal prodotti oħra jnhi rrakkomandat li l-MRLs jogħlew jew jinżammu dawk eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-ħbub tax-xgħir, il-ħafur, is-segala u l-qamħ xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa aktar attenzjoni mill-maniġers tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (3) Għall-feneżammid, l-Awtorità ressjet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħi (³). Hija rrakkomandat li l-MRLs għall-lewż u ċ-ċawshi abjad jitbaxxew. Għal prodotti oħra jnhi rrakkomandat li l-MRLs jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-kiwi xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dan il-prodott għandhom ikunu stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew il-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dan l-MRL; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli

(¹) ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1.

(²) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reviżjoni tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-amidosulfuron skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(3):3614. [40 pp.].

(³) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reviżjoni tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-feneżammid f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(1):3536. [42 pp.].

fi żmien sentejn mill-pubblikkazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-bużbież, ma kienx hemm informazzjoni disponibbli u li kienet meħtieġa aktar attenzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRL għal dan il-prodott għandu jiġi ffissat fil-limitu spċificu ta' kwantifikazzjoni. Fir-rigward tar-riħan blu, il-cranberries, il-gooseberries u l-ghanjalor, wara s-sottomissjoni tal-opinjoni msemmija fl-ewwel sentenza, l-Awtorità ssottomettiet opinjoni oħra dwar l-MRLs fkonformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 (¹). Jixraq li din l-opinjoni tige kkkunsidrata.

- (4) Għall-kresoksim-metil, l-Awtorità ressjet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti fkonformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu (²). Hija pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel u rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għal ġewż Amerikan, il-passolina (ħamra, sewda u bajda), ir-ribes, il-bżar, iż-żerriegħha tal-ġirasol, il-ħbub tas-segala u l-ħbub tal-qamħ. Għal prodotti oħrajn hija rrakkomandat li l-MRLs jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għall-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tal-majjal, il-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi il-bovini, il-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tan-nagħaq, il-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tal-mogħoż, il-ħalib tal-bhejjem tal-ifrat, il-ħalib tan-nagħaq u l-ħalib tal-mogħoż, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Annex II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikkazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-berquq, il-haw u l-weraq tal-pitravi, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu spċificu ta' kwantifikazzjoni.
- (5) Għat-tijakloprid, l-Awtorità ressjet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti fkonformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu (³). Hija identifikat riskju għall-konsumaturi fir-rigward tal-MRLs għall-kukku iswed, il-kale, il-ħass u l-escaroles/indivja tal-weraq wiesa'. Għaldaqstant huwa xieraq li dawn l-MRLs jitbaxxew. L-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs għall-Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi, is-swedes, il-ġđur, it-tewm, il-basal, ix-xalotti, il-ġđur, l-isprāġ, il-ħbub tax-xgħir, il-ħbub tal-ħafur, il-ħbub tar-ross, ix-xaħam tal-majjal, ix-xaħam tal-bovini, ix-xaħam tan-nagħaq, ix-xaħam tal-mogħoż, il-muskoli tat-tjur, ix-xaħam tat-tjur, il-fwied tat-tjur. Għal prodotti oħrajn hija rrakkomandat li l-MRLs jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għażiex zukkini, il-brassika li tagħmel il-fjuri, escaroles/Indivja tal-weraq wiesa', il-krexxun tal-art, l-aruka, il-weraq u n-nebbieta tal-brassika, l-ispinaċi, il-weraq tal-pitravi, il-fażola (friska, bil-miżwed), il-fażola (niexfa), il-piżelli (niexfa), iż-żerriegħha tal-lift, iż-żerriegħha tal-mustarda, il-ħabba tal-qamħi run, it-te, infużjonijiet erbali (imnixxa, weraq), infużjonijiet erbali (imnixxa, għeruq), ħwawar (żrieragħ), xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Annex II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikkazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-għeneb tal-mejda l-għeneb għall-inbid, il-qamħ ħelu, il-witloof, il-fażola (friska mingħajr miżwed) u ż-żerriegħha tal-ġirasol l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kien hemm bżonn ta' aktar kunsiderazzjoni mill-amministraturi tar-riskju. L-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu spċificu ta' kwantifikazzjoni.
- (6) Għat-triflosistrobina, l-Awtorità ressjet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti fkonformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu (⁴). L-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs għall-għeneb tal-mejda u għall-inbid, il-papaja, it-tewm, il-basal, il-karawett u l-pitravi taz-zokkor jitbaxxew. Għal prodotti oħrajn hija rrakkomandat li l-MRLs jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għall-passolina (ħamra, sewda u bajda), ir-ribes, il-frotta tal-passjoni, il-bżar, il-ħjar, il-gherkins (ħjar żgħir), il-brassika bil-weraq, l-escaroles (l-indivja bil-weraq wiesa'), il-ħxejjex aromatiċi, il-fażola (friska, bil-miżwed), il-ħbub tal-ħafur, il-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tal-majjal, il-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tal-bovini, il-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tan-nagħaq, il-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi tal-mogħoż, il-muskoli, ix-xaħam, il-fwied tal-pollam, il-ħalib tal-bhejjem tal-ifrat, il-ħalib tan-nagħaq u l-ħalib tal-mogħoż u l-bajd tat-tjur, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Annex II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikkazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-kukku iswed, il-lampuni, il-witloff, il-piżelli (friska, bil-miżwed), żebbuġ għall-produzzjoni taaž-żejt u l-għeruq taċ-ċikwejra, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kien hemm bżonn ta' aktar kunsiderazzjoni mill-amministraturi tar-riskju. L-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu spċificu ta' kwantifikazzjoni. Fir-rigward tal-frott

(¹) Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għall-feneżammid fukku differenti.. The EFSA Journal 2014; 12(7):3785. [18 pp.]

(²) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel; Reviżjoni tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-kresoksim-metil skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(1):3549. [70 pp.]

(³) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel; Reviżjoni tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għat-tijakloprid skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(3):3617. [111 pp.]

(⁴) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-İkel; Reviżjoni tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għat-triflosistrobina skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2014;12(2):3592. [81 pp.]

tal-kannamiela, wara s-sottomissjoni tal-opinjoni msemmija fl-ewwel sentenza, l-Awtorità ssottomettiet opinjoni oħra dwar l-MRLs fkonformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ('). Jixraq li din l-opinjoni tiġi kkunsidrata. B'kunsiderazzjoni għall-informazzjoni addizzjonali dwar il-prattiki agrikoli tajbin pprovdu mill-Belġu u billi m'hemm ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti. B'kunsiderazzjoni għall-informazzjoni addizzjonali dwar il-prattiki agrikoli tajbin pprovdu mill-Awstrija u billi m'hemm ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti.

- (7) Fir-rigward ta' prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew CXLs, l-MRLs għandhom jiġu stabbiliti fil-limitu spċifiku ta' kwantifikazzjoni jew għandu japplika l-MRL li japplika s-soltu, kif stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (8) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-peściċidi, rigward il-ħtieġa li jiġu adattati ġerti limiti ta' kwantifikazzjoni. Fir-rigward ta' għadd ta' sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ġerti prodotti, l-iżvilupp tekniku jippermetti li jiġu stabbiliti limiti spċifikċi ta' kwantifikazzjoni.
- (9) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u waqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, l-emendi xierqa għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (10) Permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati fir-rigward tal-MRLs il-ġodda u l-kummenti tagħhom ġew meqjusa.
- (11) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (12) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament għandu jipprovd i arrangġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew prodotti qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li kien hemm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Minħabba li ma jistax jiġi eskluż riskju għall-konsumaturi bl-MRLs attwali, il-valuri għat-tajjebha tħalli kollha, mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (13) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-MRLs modifikati jsiru applikabbi, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negożji tal-ikel jingħataw żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġoddha li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.
- (14) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-İkel u l-Għalf,

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Fir-rigward tas-sustanzi attivi u l-prodotti amidosulfuron, feneżammid, kresoksim-metil, u trifloksistrobina fil-prodotti kollha u fuqhom, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament, għandu jibqa' japplika għal prodotti li ġew prodotti legalment sal-11 ta' Frar 2016.

Fir-rigward tas-sustanza attiva tijakloprid fil-prodotti kollha u fuqhom ħlief għall-kukku iswed, il-kale, il-ħass u l-escaroles, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament, għandu jibqa' japplika għal prodotti li ġew prodotti legalment sal-11 ta' Frar 2016.

(') Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għat-trifloksistrobina fil-frott tal-kannamiela. The EFSA Journal 2014; 12(7):3751. [17 pp.].

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mit-12 ta' Frar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNESS

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-kolонни għall-feneżammid, il-kresoksim-metil, it-tijakloprid u t-trifloksistrobina jinbidlu b'dan li ġej:

**“Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individuali li għalihom jaapplikaw l-MRLs (a)	Feneżammid (F)	Kresoksim-metil (R)	Tijakloprid	Trifloksistrobina (A) (F) (R)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0100000	<b>FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR</b>				
0110000	<b>Frott taċ-ċitru</b>	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,5</b>
0110010	Grejpfrut		<b>0,5</b>		
0110020	Larinġ		<b>0,5</b>		
0110030	Lumi		<b>0,01 (*)</b>		
0110040	Xkomp		<b>0,01 (*)</b>		
0110050	Mandolin		<b>0,01 (*)</b>		
0110990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>		
0120000	<b>Ġewż tas-siġar</b>	<b>0,02 (*)</b>		0,02 (*)	<b>0,02</b>
0120010	Lewż		<b>0,01 (*)</b>		
0120020	Ġewż tal-Brażil		<b>0,01 (*)</b>		
0120030	Ġewż tal-anakardju		<b>0,01 (*)</b>		
0120040	Qastan		<b>0,01 (*)</b>		
0120050	Ġewż tal-Indi		<b>0,01 (*)</b>		
0120060	Ġellewż/ġellewż Ewropew		<b>0,01 (*)</b>		
0120070	Macadamia		<b>0,01 (*)</b>		
0120080	Ġewż Amerikan		<b>0,05 (*)</b>		
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu		<b>0,01 (*)</b>		
0120100	Pistaċċi		<b>0,01 (*)</b>		
0120110	Ġewż		<b>0,01 (*)</b>		
0120990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>		

0130000	<b>Pomu</b>	<b>0,01 (*)</b>	0,2		<b>0,7</b>
0130010	Tuffieħ			0,3	
0130020	Lanġas			0,3	
0130030	Sfargeł			<b>0,7</b>	
0130040	Naspli			<b>0,7</b>	
0130050	Naspli tal-Ġappun			<b>0,7</b>	
0130990	Oħrajn			<b>0,01 (*)</b>	
0140000	<b>Frott tal-għadma</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,5</b>	<b>3</b>
0140010	Berquq	<b>10</b>			
0140020	Ċiras (ħelu)	7			
0140030	Ħawħ	<b>10</b>			
0140040	Għanbaqar	1,5			
0140990	Oħrajn	<b>0,01 (*)</b>			
0150000	<b>Kukku u frott żgħir ieħor</b>				
0151000	(a) <i>għeneb</i>	<b>15</b>	1	<b>0,01 (*)</b>	<b>3</b>
0151010	Għeneb tal-mejda				
0151020	Għeneb għall-inbid				
0152000	(b) <i>frawli</i>	<b>10</b>	<b>1,5</b>	1	1
0153000	(c) <i>frott tal-kannamiela</i>	<b>15</b>	<b>0,01 (*)</b>		3
0153010	Tut			<b>1</b>	
0153020	Ċawsli iswed [Dewberries]			1	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)			<b>6</b>	
0153990	Oħrajn			<b>0,01 (*)</b>	
0154000	(d) <i>frott żgħir ieħor u berries</i>			1	
0154010	Mirtill	15	0,9		2
0154020	Cranberries	15	0,9		<b>0,01 (*)</b>
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)	15	<b>0,9</b>		<b>1,5 (+)</b>
0154040	Ribes (ħodor, ħomor u sofor)	15	<b>0,9</b>		<b>1,5 (+)</b>
0154050	Warda skoċċiża	5	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	<b>5</b>	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	15	0,9		<b>0,01 (*)</b>
0154080	Frott tas-sebuqa	5	<b>0,01 (*)</b>		2
0154990	Oħrajn	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>

0160000	<b>Frott — diversi bi</b>				
0161000	(a) qoxra li tittiekkel	<b>0,01 (*)</b>			
0161010	Tamal	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0161020	Tin	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,5</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	0,2	4	0,3	
0161040	Laringġ tal-qṣari	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0161050	Karambola	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0161060	Kaki	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0161070	Jambolan	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0161990	Oħrajn	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0162000	(b) qoxra li ma tittikilx, żgħar	<b>0,01 (*)</b>			
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	<b>15 (+)</b>		<b>0,2</b>	<b>0,01 (*)</b>
0162020	Liċċi	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0162030	Frotta tal-passjoni	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>4 (+)</b>
0162040	Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0162050	Tuffieħ stilla	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0162060	Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0162990	Oħrajn	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163000	(c) qoxra li ma tittikilx, kbar	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0163010	Avokado			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163020	Banana			<b>0,01 (*)</b>	0,05
0163030	Mango			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163040	Papaja		0,5		<b>0,6</b>
0163050	Rummien			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163060	Ċerimoja			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163070	Gwava			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163080	Ananas			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163100	Durjan			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163110	Il-frotta tal-annona			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0163990	Oħrajn			<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>

0200000	<b>ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT</b>				
0210000	<b>Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi</b>	<b>0,01 (*)</b>			
0211000	(a) patata		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02</b>	<b>0,02</b>
0212000	(b) ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0212010	Għeruq tal-kassava				
0212020	Patata ġelwa				
0212030	Jammijiet				
0212040	Ararut				
0212990	Oħrajn				
0213000	(c) ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi				
0213010	Pitravi		0,05 (*)	0,05	<b>0,02</b>
0213020	Zunnarija		<b>0,01 (*)</b>	0,05	<b>0,1</b>
0213030	Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,05</b>	<b>0,02</b>
0213040	Għerq tal-mustarda		<b>0,01 (*)</b>	0,05	0,08
0213050	Artiċokks		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0213060	Zunnarija bajda		<b>0,01 (*)</b>	0,05	0,04
0213070	Tursin tuberuż		<b>0,01 (*)</b>	0,05	0,08
0213080	Ravanell		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,05</b>	0,08
0213090	Sassefrika		<b>0,01 (*)</b>	0,05	0,04
0213100	Swedes		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	0,04
0213110	Kromb		0,05 (*)	<b>0,01 (*)</b>	0,04
0213990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0220000	<b>Ħxejjex tal-basla</b>				
0220010	Tewm	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,3</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0220020	Basal	<b>0,8</b>	<b>0,3</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0220030	Xalotti	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,3</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,15</b>	0,1
0220990	Oħrajn	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0230000	<b>Ħxejjex tal-frott</b>				
0231000	(a) solanacea				
0231010	Tadam	<b>2</b>	<b>0,6</b>	0,5	<b>0,7</b>
0231020	Bżar ġelu (kapsikum)	<b>3</b>	<b>0,8</b>	1	<b>0,4 (+)</b>

0231030	Brunġiel	<b>2</b>	<b>0,6</b>	<b>0,7</b>	0,7
0231040	Okra	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0231990	Oħrajn	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0232000	(b) kukurbiti tal-qoxra kommestibbli	1	0,05 (*)	<b>0,5</b>	<b>0,3</b>
0232010	Ħjar				(+)
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)				(+)
0232030	Qargħabaghli				(+)
0232990	Oħrajn				
0233000	(c) kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,3</b>		<b>0,3</b>
0233010	Bettieħ			0,2	
0233020	Qargħa aħmar			<b>0,01 (*)</b>	
0233030	Dulliegħ			0,2	
0233990	Oħrajn			<b>0,01 (*)</b>	
0234000	(d) qamħirrum	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0239000	(e) ħxejjex tal-frott oħrajn	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0240000	<b>Ħxejjex tal-Brassika (minbarra 1-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0241000	(a) Brassika li twarrad			<b>0,3 (+)</b>	<b>0,5</b>
0241010	Brokkli				
0241020	Pastard				
0241990	Oħrajn				
0242000	(b) brassika bir-ras			<b>0,3</b>	
0242010	Brussels sprouts				<b>0,6</b>
0242020	Kaboċċa bir-ras				<b>0,5</b>
0242990	Oħrajn				<b>0,01 (*)</b>
0243000	(c) brassika bil-weraq				<b>3 (+)</b>
0243010	Kaboċċi Ċiniżi			1	
0243020	Kale			<b>0,4</b>	
0243990	Oħrajn			<b>0,01 (*)</b>	
0244000	(d) ġđur			<b>0,04</b>	<b>0,01 (*)</b>

0250000	<b>Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>				
0251000	(a) <i>ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata</i>	<b>50</b>	<b>0,01 (*)</b>		
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ		<b>8</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0251020	Ħass		<b>1</b>	<b>15</b>	
0251030	Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'		<b>0,15 (+)</b>	<b>15 (+)</b>	
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0251050	Krexxuni tal-art		<b>0,7 (+)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0251060	Aruka		<b>2 (+)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0251070	Mustarda ħamra		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' brassika)		<b>2 (+)</b>	<b>15</b>	
0251990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	
0252000	(b) <i>spinaċi u weraq simili</i>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>
0252010	Spinaċi		<b>0,15 (+)</b>		
0252020	Burdlieq		<b>0,01 (*)</b>		
0252030	Weraq tal-pitravi		<b>0,15 (+)</b>		
0252990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>		
0253000	(c) <i>weraq tad-dwielu u u ta' speċijiet simili</i>	<b>0,01 (*)</b>	<b>15</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0254000	(d) <i>krexxuni</i>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0255000	(e) <i>ċikwejra</i>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0256000	(f) <i>ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</i>	<b>50</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>5</b>	<b>15 (+)</b>
0256010	Maxxita				
0256020	Kurrat selvaġġ				
0256030	Weraq tal-karfus				
0256040	Tursin				
0256050	Salvja				
0256060	Klin				
0256070	Sagħtar				
0256080	Ħabaq u l-fjuri tiegħu li jittieklu				
0256090	Weraq tar-rand				
0256100	Stragun				
0256990	Oħrajn				

0260000	<b>Legumi</b>		<b>0,01 (*)</b>		
0260010	Fażola (bil-miżwed)	5		<b>0,4 (+)</b>	<b>1 (+)</b>
0260020	Fażola (bla miżwed)	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0260030	Piżelli (bil-miżwed)	<b>0,01 (*)</b>		0,2	<b>0,01 (*)</b>
0260040	Piżelli (bla miżwed)	<b>0,01 (*)</b>		0,2	<b>0,01 (*)</b>
0260050	Għads	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0260990	Oħrajn	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0270000	<b>Ħxejjex biz-zokk</b>	<b>0,01 (*)</b>			
0270010	Asparagu		0,05 (*)	<b>0,01 (*)</b>	0,05
0270020	Kardun		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0270030	Krafes		<b>0,01 (*)</b>	0,7	1
0270040	Bużbież ta' Firenze		<b>0,01 (*)</b>	0,7	<b>0,01 (*)</b>
0270050	Qaqoċċ		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,3</b>
0270060	Kurrat		<b>6</b>	0,1	<b>0,7</b>
0270070	Rabarbru		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02</b>	<b>0,01 (*)</b>
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0270090	Qlub tal-palm		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0270990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0280000	<b>Faqqiegħ, ħażiż u likeni</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0280010	Faqqiegħ ikkultivat				
0280020	Faqqiegħ salvaġġ				
0280990	Ħażiż u likeni				
0290000	<b>Alka u organiżmi prokarjoti</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0300000	<b>ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>		<b>0,01 (*)</b>
0300010	Fażola			<b>0,08 (+)</b>	
0300020	Għads			<b>0,01 (*)</b>	
0300030	Piżelli			<b>0,08 (+)</b>	
0300040	Lupini			<b>0,01 (*)</b>	
0300990	Oħrajn			<b>0,01 (*)</b>	
0400000	<b>ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT</b>	<b>0,02 (*)</b>			
0401000	<b>Żrieragħ żejtnja</b>				
0401010	Żerriegħa tal-kittien		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401020	Karawett		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,02</b>

0401030	Żerriegħa tal-peprin		<b>0,01 (*)</b>	0,3	<b>0,01 (*)</b>
0401040	Ġulġlien		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol		<b>0,05 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401060	Żerriegħa tal-kolza		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,6 (+)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401070	Fażola tas-sojja		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401080	Żerriegħa tal-mustarda		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,6 (+)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401090	Żerriegħa tal-qoton		<b>0,01 (*)</b>	0,15	<b>0,01 (*)</b>
0401100	Żerriegħa tal-qargħha ħamra		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401110	Żrieragħ tal-għosfor		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401140	Qannebusa		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401150	Żerriegħa tar-riġnuwa		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0401990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0402000	<b>Frott taż-żejt</b>				<b>0,01 (*)</b>
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt		<b>0,2</b>	4	
0402020	Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	
0402040	Kapok		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	
0402990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02 (*)</b>	
0500000	<b>ĊEREALI</b>	<b>0,01 (*)</b>			
0500010	Xgħir		0,1	<b>0,9</b>	<b>0,5</b>
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloż oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0500030	Qamħirrum		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b> (+)	<b>0,02</b>
0500040	Milliegħ komuni		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0500050	Ħafur		<b>0,1</b>	<b>0,9</b>	<b>0,4 (+)</b>
0500060	Ross		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,02</b>	<b>5</b>
0500070	Segala		<b>0,08</b>	<b>0,06</b>	<b>0,3</b>
0500080	Sorgu		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0500090	Qamħ		<b>0,08</b>	0,1	<b>0,3</b>
0500990	Oħrajn		<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0600000	<b>TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>		0,05 (*)
0610000	<b>Tejet</b>			<b>10 (+)</b>	

0620000	<b>Żrieragħ tal-kafè</b>			0,05 (*)	
0630000	<b>Infusjonijiet erbali minn</b>				
0631000	(a) <i>fjuri</i>			<b>0,05 (*)</b>	
0631010	Kamomilla				
0631020	Ibisku				
0631030	Ward				
0631040	Ġiżimin				
0631050	Tilju				
0631990	Oħrajn				
0632000	(b) <i>weraq u ħxejjex aromatiċi</i>			<b>50 (+)</b>	
0632010	Frawla				
0632020	Rooibos				
0632030	Te tal-Paragwaj				
0632990	Oħrajn				
0633000	(c) <i>għeruq</i>			<b>0,02 (+)</b>	
0633010	Valerjana				
0633020	Ġinseng				
0633990	Oħrajn				
0639000	(d) <i>kull parti oħra tal-pjanta</i>			<b>0,05 (*)</b>	
0640000	<b>Żerriegħha tal-Kawkaw</b>			0,05 (*)	
0650000	<b>Grupp Ħarrub</b>			0,05 (*)	
0700000	<b>HOPS</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>40</b>
0800000	<b>ĦWAWAR</b>				
0810000	<b>Ħwawar taż-żerriegħha</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,08 (+)</b>	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa				
0810020	Ħlewwa sewda/kemmun iswed				
0810030	Karfus				
0810040	Kosbor				
0810050	Kemmun				
0810060	Xibt				
0810070	Bużbież				

0810080	Fienu				
0810090	Noċemuskata				
0810990	Oħrajn				
0820000	<b>Ħwawar tal-frott</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment				
0820020	Bżar tas-Sichuan				
0820030	Ħlewwa Ġermaniża				
0820040	Kardamomu				
0820050	Frott tal-ġnibru				
0820060	Bżar (iswed, aħdar u abjad)				
0820070	Vanilja				
0820080	Tamar tal-Indja				
0820990	Oħrajn				
0830000	<b>Ħwawar tal-qoxra tas-siġar</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	<b>0,05 (*)</b>	0,05 (*)
0830010	Kannella				
